MALTA

ATT Nru. XII ta' l-1992

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali.

ACT No. XII of 1992

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Local Manufactures (Promotion) Act, 1989.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

24 ta' Lulju, 1992

ATT Nru. XII ta' l-1992

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Att XXXI ta' l-1989.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 li jemenda l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Ġunju, 1992.

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, għandu jidħol dan il-proviso li ġej:—

"Iżda dan is-subartikolu ma għandux japplika għal dik l-importazzjoni kif imsemmija fit-Tieni Parti ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att."; u

(b) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "għall-Att ta' l-1988 dwar is-Segretarji Parlamentari (Delegazzjoni ta' Poteri)" għandhom jidħlu l-kliem "għall-Att ta' l-1988 dwar id-Delega ta' Funzjonijiet minn Ministri,".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) Fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fir-raba' kolonna tat-Tieni Skeda" għandu jidħol il-kliem "fit-tielet kolonna

ta' l-Ewwel Parti tat-Tieni Skeda" u minflok il-kliem "fit-tielet kolonna fl-imsemmija skeda" għandu jidħol il-kliem "fit-tieni kolonna ta' l-Ewwel Parti tat-Tieni Skeda"; u

(b) Fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1989 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

Fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 63 u 77" għandu jidħol il-kliem "l-artikoli 63, 63A u 77".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

5. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"(2) L-importazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fit-Tieni Parti tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att minn dawk il-persuni, fejn hu l-każ, imsemmija fl-istess Parti ta' l-istess Skeda għandhom jitqiesu li ġew eżentati skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Ministru għandu mhux iżjed tard mit-tieni ġimgħa ta' kull xahar jippubblika fil-Gazzetta l-eżenzjonijiet, kemm totali u kemm parzjali, li jingħataw taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

6. L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "fil-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja" għandhom jidħlu l-kliem "fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)"; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)".

Sostituzzjoni ta' l-Iskedi li jinstabu ma' l-Att prinċipali.

7. Minflok l-iskedi li jinstabu ma' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-iskedi li ġejjin:

"SKEDI

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 5)

L-EWWEL PARTI

L-oġġetti murijin fit-Tieni Kolonna ta' din l-Iskeda jidhru fl-ordni li fiha jidhru fin-Nomenklatura tat-Tariffa tad-Dwana li hija bbażata fuq in-*Nomenclature for the classification of Goods in the Harmonized Commodity Description and Coding System 1983* (imsejħa l-*"Harmonized System")* u għandha tiġi interpretata skond l-*Explanatory Notes to the Harmonized System,* ippubblikat mill-*Customs Co-Operation Council, Brussels.*

Oġġett jitqies li jaqa' taħt din l-Iskeda jekk ikun kompriż fid-Deskrizzjoni tal-Prodott kif jidher fit-Tieni Kolonna ta' din l-Iskeda, kif ukoll taħt in-numru tal-*Harmonised System Code* li jidher fl-Ewwel Kolonna ta' din l-Iskeda.

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*
1101.00.00	Dqiq tal-qamħ, dqiq *self raising*
1103.11.00	Semolina
1905.90.99	Ħobż, **minbarra** *bread sticks* (grissini) u ħobż għall-pazienti li jbagħtu mill-marda *coeliac*
2302.30.00	*Bran* u *pollard* tal-qamħ
2522.10.00	Ġir **minbarra** ġir fin (Ġir fin huwa meqjus dak il-ġir illi mhux aktar minn sitta fil-mija minnu jibqa' ġo għarbiel ta' 180 *micrometres)*
4418.10.00	Twieqi, twieqi Franċiżi u ċ-ċaċċis tagħhom, ta' l-injam
4418.20.00	Bibien u ċ-ċaċċis tagħhom u għatbiet, ta' l-injam
4421.90.90	*Step ladders* ta' l-injam; twiebet ta' l-injam u partijiet għalihom
5804.30.10 5804.30.90	Bizzilla, magħmula bl-idejn
6907.10.00 6907.90.00	Madum tal-mużajk mhux verniċjat
6908.10.00 6908.90.00	Madum tal-mużajk verniċjat
7113.11.00 7114.11.00	Ġojjellerija u oġġetti oħra tal-filigranu, tal-fidda
7113.19.00 7114.19.00	Ġojjellerija u oġġetti oħra tal-filigranu, tad-deheb
7610.10.00 7610.90.10 7610.90.90	Strutturi ta' l-aluminju u partijiet tagħhom **minbarra** *shower cubicles*
9401.40.10 9401.50.10 9401.61.10 9401.69.10 9401.71.10 9401.79.10 9401.80.91	Siġġijiet u pultruni **minbarra** dawk miksija bil-plastika u dawk *fully moulded* tal-plastika

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*
9401.40.90 9401.50.90 9401.61.90 9401.69.90 9401.71.90 9401.79.90 9401.80.99	*Couches, ottomans,* sufanijiet, *settees,* u *stools* etc, **minbarra** oġġetti miksija bil-plastika u *fully moulded* tal-plastika u *step stools* tal-metal u siġġijiet *high/feeding* għat-trabi
9401.90.10	Sedili u idhra, tal-*plywood,* għas-siġġijiet u pultruni
9401.90.40 9401.90.90	Partijiet għas-siġġijiet, pultruni u *seats* oħra, **minbarra** dawk miksija bil-plastika, bażijiet tal-metall *swivel* u *tilting* għas-siġġijiet, u *spindles,* mekkaniżmi għal *seats* li huma konvertibbli f'sodod
9403.10.00 9403.20.30 9403.20.90	Għamara, kompluta, tal-metall, **minbarra** dik miksija bil-plastika, racks u *display stands* tal-*wire, pedal bins, playpens, music stands, footstools* tal-kitarristi, *stands* għall-gaġeġ u kabinetti tal-kmamar tal-banju għad-dendil u għamara tar-ramm
9403.30.00 9403.40.00 9403.50.00 9403.60.20 9403.60.90 9403.80.90 9403.90.30 9403.90.60	Għamara kompluta, u partijiet tagħha ta' l-injam, tal-qasab, tal-*osier,* tal-*bamboo* u ta' materjal simili **minbarra** *play pens*
9403.90.20 9403.90.90	Partijiet għall-għamara tal-metall **minbarra** partijiet miksija bil-plastika u partijiet ta' l-għamara tar-ramm
9406.00.10 9406.00.99	Strutturi ta' l-aluminju

IT-TIENI PARTI

Att XXXIV ta' l-1988.

1. Importazzjoni minn kumpanija *Offshore* għall-użu tagħha u effetti personali wżati ta' uffiċjal jew impjegat ta' dik il-kumpanija, li mhux residenti Malta, skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta.

Kap. 191.

2. Importazzjoni taħt artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Immunitajiet u Privileġġi Diplomatiċi.

IT-TIENI SKEDA

(Artikoli 5, 6 u 9)

L-EWWEL PARTI

Imposta

L-oġġetti murijin fit-Tieni Kolonna ta' din l-Iskeda jidhru fl-ordni li fiha jidhru fin-Nomenklatura tat-Tariffa tad-Dwana li hija bbażata fuq in-*Nomenclature for the Classification of Goods in the Harmonized Commodity Description and Coding System 1983* (imsejħa l-"*Harmonized System*") u għandha tiġi interpretata skond l-*Explanatory Notes to the Harmonized System,* ippubblikat mill-*Customs Co-Operation Council, Brussels.*

Oġġett jitqies li jaqa' taħt din l-Iskeda jekk ikun kompriż fid-Deskrizzjoni tal-Prodott kif jidher fit-Tieni Kolonna ta' din l-Iskeda, kif ukoll taħt in-Numru tal-*Harmonized System Code* li jidher fl-Ewwel Kolonna.

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
0403.10.10 0403.10.20 0403.10.40 0403.10.50 0403.10.60 0403.90.10 0403.90.20 0403.90.40	Xorrox tal-butir, baqta tal-ħalib u krema, jogurt, kephir u ħalib u krema oħra fermentati jew aċiditifati, kemm jekk ikunu jew ma jkunux konċentrati jew miżjuda zokkor jew xi sustanza oħra għall-ħlewwa jew mogħtija l-palat jew miżjuda bil-frott, ġewż jew kawkaw, **minbarra** dawk taħt forma ta' trab	40c kull litru
1517.10.00	Margarina	25c kull kg
1517.90.00	Xaħam għat-tisjir	25c kull kg
1701.91.19	Konċentrat xott għal *squashes* tal-frott	50c kull kg
1701.99.10 1701.99.90	Zokkor għall-*icing*	20c kull kg
1704.90.00	Perlini	120c kull kg
1704.90.00	*Toffee* u ħelu mgħolli **minbarra** *medicated pastilles* u *confectionery* u ħelu mgħolli fi *stick packs* jew fi *presentation boxes* jew laned	50c kull kg
1704.90.00	Ħelwa	85c kull kg
1704.90.00	Qubbajt, **minbarra** qubbajt (Torroncini) fi *presentation boxes* jew laned	225c kull kg
1704.90.00	*Fondant*	45c kull kg
1806.90.00	Bajd taċ-ċikkulata mhux mimli u vojt	100c kull kg

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
1901.90.91 1901.90.92	Preparati ta' l-ikel li mhux taħt forma ta' trab, li jkollhom xi ammont ta' xi prodott li jaqa' taħt H.S. 0403	40c kull litru
1902.11.00 1902.19.00 1902.20.10 1902.20.20 1902.20.90 1902.30.10 1902.30.20 1902.30.90	Għaġin, sew jekk ikun jew ma jkunx imsajjar jew mimli jew preparat xort'oħra, **minbarra** *egg noodles* u għaġin magħmul mir-ross	40c kull kg
1904.10.10 1904.10.90	*Savoury snacks*	70c kull kg
1905.30.10 1905.30.90 1905.90.20 1905.90.99	Għaġina, kejkijiet, biskotti u oġġetti oħra tal-furnara, **minbarra** biskotti u gallettini mħallta fi *presentation boxes* jew laned ta' 400 g jew aktar, biskotti tal-ġelat għal użu industrijali, u *emergency rations survival biscuits,* rombli tal-*wafer, lined,* bit-togħma taċ-ċikkulata, u *wafers* miksija biċ-ċikkulata u *cones* u *wafers* għall-ġelat	90c kull kg
1905.30.90	*Cones* għall-ġelat	75c kull kg
1905.30.90	*Wafers* għall-ġelat	25c kull kg
2005.20.20 2005.20.90	*Crisps* tal-patata	100c kull kg
2006.00.00	Ċirasa, *glacè*	110c kull kg
2006.00.00	Frott preżervat biz-zokkor	65c kull kg
2006.00.00	Qoxra tal-frott preżervata biz-zokkor	55c kull kg
2007.91.10 2007.99.10	Kunservi tal-frott u marmellat	40c kull kg
2007.91.90 2007.99.90	*Jellies,* **minbarra** flan jelly	60c kull kg
2008.11.91 2008.19.91	Lewż u *ground-nuts* f'reċipjenti li fihom ma tidħolx arja, mhux biex jiġu ppakkjati mill-ġdid jew għal skopijiet industrijali	60c kull kg

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
2009.11.19 2009.11.21 2009.11.29 2009.19.19 2009.19.21 2009.19.29 2009.20.19 2009.20.21 2009.20.29 2009.30.19 2009.30.21 2009.30.29 2009.40.19 2009.40.21 2009.40.29 2009.70.19 2009.70.21 2009.70.29 2009.80.19 2009.80.21 2009.80.29 2009.90.19 2009.90.21 2009.90.29	Meraq tal-frott	15c kull litru
2009.50.00	Meraq tat-tadam	15c kull litru
2102.30.00	*Baking powder*	90c kull kg
2103.20.00	*Tomato ketchup* **minbarra** *tomato ketchup* f'pakketti ta' 5 ml għal *flight catering*	40c kull litru
2103.90.90	*Mayonnaise, salad cream* u *whip dressing*	40c kull litru
2103.90.90	*Sauces,* oħra **minbarra** *sauces* li għandhom 2.5% jew anqas *solids* tat-tadam	40c kull litru
2104.10.00	*Cubes* ta' l-estratt tal-laħam jew tal-ħut, **minbarra** *cubes* ta' l-estratt taċ-ċanga jew tat-tiġieġa, f'pakketti magħluqa b'mod ermetiku, b'*texture* li titfarrak, u jkollhom anqas minn 30% melħ u li jistgħu jintużaw bħala xarba	135c kull kg
2105.00.11 2105.00.19	Ġelati	100c kull litru u imposta oħra ta' 7c kull ġelat ta' 150 gramma jew anqas
2106.90.39	*Squashes* bit-togħma tal-frott li jkunu konċentrati likwidi jew xotti	10c kull litru

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
2106.90.90	*Jellies,* **minbarra** *aspic jelly*	60c kull kg
2106.90.90	Trab tal-krema jew tal-*custard,* **minbarra** krema għall-*artificial topping* u *filling*	50c kull kg
2106.90.90	Preparati ta' l-ikel li mhumiex taħt forma ta' trab, li jkollhom xi ammont ta' xi prodott li jaqa' taħt H.S. 0403	40c kull litru
2106.90.90	*Dairy spread* jew *sandwich spread*	25c kull kg
2201.10.10 2201.10.90	Ilmijiet minerali u ilmijiet gassużi, **minbarra** ilmijiet gassużi min-natura tagħhom	3c kull litru
2202.10.00 2202.90.90	*Soft drinks*	10c kull litru
2203.00.10 2203.00.90	Birra	18c kull litru
2402.10.00 2402.90.10	Sigarri, (tat-tip *cheroot* u *toscano* biss)	500c kull kg
2804.40.00	Ossiġenu fi stat gassuż	40c kull m^3 (minn 150/200 *bars*)
2804.40.00	Ossiġenu fi stat likwidu	29c5 kull kg
2828.90.00	Ipoklorit tas-sodju *(bleach),* **minbarra** ipoklorit tas-sodju li jkun fih 13% jew aktar *chlorine*	12c kull litru
3005.90.00	Tajjar	100c kull kg
3208.10.00 3208.20.00 3208.90.00 3209.10.00 3209.90.00 3210.00.00	Verniċi u *lacquers* f'reċipjenti ta' ħames litri jew anqas **minbarra** linka għall-istampar ivverniċjata/ vernič *over printing*	40c kull litru
3208.10.00 3208.20.00 3208.90.00 3209.10.00 3209.90.00 3210.00.00	Żebgħa ta' tip enamel, żebgħa *chlorinated* b'bażi ta' lastiku, żebgħa bbażata fuq emulsjoni ta' reżina sintetika, *undercoat* u *primers* industrijali, **minbarra** żebgħa *cellulose, underseal* għall-vetturi, żebgħa ta' tip enamel f'reċipjenti *aerosol, tinlets* jew fliexken u *bonding agent primers, cleft whitener* f'reċipjenti ta' mhux aktar minn 250 ml b'applikatur inkluż, żebgħa ta' tip *emulsion*	

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
	ibbażata fuq *acrylic,* u *primers* u *undercoats* użati flimkien ma' *antifouling marine coatings,* bil-kondizzjoni li dawn il-*primers* u *undercoats* jiġu impurtati flimkien ma' l-*antifouling marine coatings* rispettivi, u li dawn il-*primers* u *undercoats* ikunu ndikati u mmarkati biċ-ċar li jagħmlu parti minn sistema ta' *antifouling marine coating,* kif ukoll li l-*aggregate volume* tal-*primers* u *undercoats* ma jeċċedix id-doppju tal-volum ta' l-imsemmi *antifouling marine coating.* Xi eċċess fil-volum ta' dawn il-*primers* u *undercoats* ikun suġġett għall-ħlas ta' l-imposta kurrenti	75c kull litru
3307.49.10 3307.49.90	*Air fresheners* f'reċipjenti *aerosol*	75c kull kg
3401.11.90	Sapun tat-twaletta **minbarra** sapun *medicated* u *neutral* u sapun tat-twaletta li jkollhom fuqhom jew fuq il-*wrapper* jew *container* ta' kull sapuna l-isem/*logo* ta' lukandi lokali, impurtati minn lukandi għall-użu tgħhom stess	40c kull kg
3401.19.91	Sapun għall-ħasil tal-ħwejjeġ, bil-biċċa	30c kull kg
3401.20.90	Sapun tat-twaletta likwidu	170c kull litru
3402.20.00 3402.90.00	Preparati likwidi għall-ħasil li jkun fihom xi *non-ionic, anionic* jew *cationic surface-active agent,* li t-total ta' *active matter* tiegħu ma jeċċedix il-ħamsin fil-mija; u *fabric conditioner* **minbarra** preparati likwidi għall-ħasil ta' vejikoli, materja prima soltu wżata għall-manifattura ta' *shampoos*; preparati għal tindif ta' twieqi u ta' tapiti; preparati *antiseptic* maħsuba għall-użu iġeniku tal-persuna, irrispettivament mill-*active matter* li jkun fihom u preparati għat-tindif *alkaline* jew *acidic* li jkollha P.H. ta' 1% soluzzjoni taħt 3.5 jew 'il fuq minn 11, *fabric conditioners* u *softeners* f'folji	35c kull litru
3402.20.00 3402.90.00	Preparati forma ta' trab għall-ħasil ta' ħwejjeġ li jkun fihom *surface active agent* wieħed jew aktar, u bil-konċentrat tagħhom ikun ta' aktar minn 10% .	30c kull kg
3403.19.00	Preparati lubrifikanti li jkun fihom anqas minn 70% bħala piż ta' żjut tal-*petroleum* jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi, **minbarra** *2-stroke oils*	40c kull litru

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
3405.20.00	Lostru ta' l-għamara f'reċipjenti ta' ħames litri u anqas —	
	(a) likwidi inklużi *aerosols*	150c kull litru
	(b) oħrajn	100c kull litru
	minbarra *wax polishes* għall-għamara mhux f'forma likwida, *aerosel* jew krema	
3405.40.00	Krema għall-għerik	40c kull litru
3405.30.00 3405.90.00	Lostri għat-tappizzerija f'reċipjenti ta' ħames litri u anqas —	
	(a) likwidi inklużi *aerosols*	150c kull litru
	(b) oħrajn	100c kull litru
3405.40.00	Trab għall-għerik	25c kull kg
3405.90.00	Lostri għall-ħġieġ f'reċipjenti ta' ħames litri u anqas —	
	(a) likwidi inklużi *aerosols*	150c kull litru
	(b) oħrajn	100c kull litru
3406.00.00	Xemgħat, **minbarra** xemgħat *handcarved* u dekorattivi, u *restaurant candles*	300c kull kg
3605.00.10 3605.00.90	Sulfarini	1c kull 50 (jew parti minn 50 sulfarina)
3808.10.10 3808.10.20 3808.10.90	Insettiċidi f'għamla ta' *sprays,* **minbarra** insettiċidi f'għamla ta' *sprays* għall-annimali u għasafar u pjanti u insettiċidi f'għamla ta' *sprays* f'reċipjenti *aerosol* għall-użu ta' *automatic dispensing machines*	77c kull litru
3808.40.10 3808.40.20 3808.90.20	Disinfettanti u *antiseptics* lesti għal bejgħ bl-imnut, **minbarra** disinfettant f'forma ta' *tablets* jew *cartridge*	30c kull litru
3814.00.00	*Paint remover* f'reċipjenti ta' ħames litri u anqas .	30c kull litru
3909.50.00 3921.13.00	*Polyurethane* f'għamla ta' *foam flexible*	110c kull kg

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
3917.21.10 3917.21.99 3917.22.10 3917.22.99 3917.23.10 3917.23.99 3917.29.10 3917.29.99 3917.31.90 3917.32.10 3917.32.99 3917.33.90 3917.39.10 3917.39.99	Tubi u kanen tal-plastika, minbarra tubi u kanen b'dijametru ta' aktar minn 200 mm, kanen ta' plastika rafforzata, tubi għal użu tad-*drip irrigation*, tubi għall-iskular ta' l-ilma għal użu agrikolu u tubi għal *fuel* ta' vejikoli, tubi u kanen għall-użu ta' ilma sħun, kanen tal-*PVC cadmium free*, tubi *carbon black activated* ta' densità baxxa, medja jew għolja, u kanen tal-*PVC self sealing* u tubi ta' 200 mm dijametru jew iżjed	30c kull kg
3917.40.00	*Bends/elbows*, **minbarra** W.C. bends u *drain bends* b'dijametru ta' 75 mm, 80 mm, 100 mm, 110 mm, 125 mm, 160 mm or 200 mm u iżjed, *pressure bends/elbows* b'dijametru ta' aktar minn 25 mm jew pulzier u *pressure bends/elbows* għall-użu ta' ilma sħun u *PVC double socket bends/elbows* tal-plastika	30c kull kg
3918.10.10 3918.10.90 3918.90.10 3918.90.90	Madum tal-plastika	30c kull kg
3918.90.90 3921.11.10	*Expanded polystyrene* f'għamla ta' blokki madum u folji	110c kull kg
3919.10.00	*Tape* tal-plastika b'adesiv miegħu ta' wisa' ta' anqas minn 10 cm, minbarra *electric insulation tape, tape* u *plastic film* b'adesiv miegħu għal *graphic line* u *paste up work*, materjal *vinyl* f'rombli jew folji b'adesiv miegħu u *backing* tal-karta jew tal-plastika u *tape resealable* b'adesiv miegħu u *tape* adesiv miegħu ta' *nylon* rafforzat f'rombli, *tape extract leader* b'adesiv miegħu li jiflaħ għall-kimika u sħana, *splicing tape* għal *video, self-amalgamating tape* għal użu fuq il-baħar, u *safety polypropylene thread and duct tape, film* b'adesiv miegħu minn żewġ naħat għal użu industrijali u *tape* li jiflaħ għall-kimika u sħana u jintuża bħala maqbad għal *mineral water packs*	1c kull metru

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
3920.10.00 3920.30.00 3920.51.00 3920.59.00 3920.62.00 3920.63.00 3920.69.00 3920.91.00 3920.92.00 3920.93.00 3920.94.00 3920.99.00	Folji tal-plastika *(cling film)* f'rombli ta' anqas minn 3000 m tul u folji tal-plastika (mhux *cling film)* f'rombli ta' wisa' ta' 2 m u anqas, **minbarra** *pallet stretch film, vinyl flooring* f'rombli, folji tal-*polythene ultra violet inhibited,* folji ta' *polythene/ polyester* f'rombli għall-użu industrijali, folji tal-plastika *(polystyrene)* ta' 2 metri wisa' jew anqas għall-użu industrijali u *polyethylene* iswed f'rombli, għall-użu bħala *damp proof courses*	20c kull kg
3923.10.00 3923.90.00	Reċipjenti għall-kosmetiċi u kaxxi għall-ġojjellerija, *crates,* basktijiet għall-irkotta u reċipjenti għall-ħelwa, **minbarra** reċipjenti *fully moulded* għal użu agrikolu u reċipjenti *fully moulded* ta' aktar minn 2.5 kg piż u aktar minn 500 mm għoli, għall-użu industrijali għal ħażna ta' l-għaġin minn manifatturi lokali ta' l-għaġin, kaxxi li jġorru 3 fliexken ta' 5 litri l-wieħed jew 6 fliexken ta' 2 litri l-wieħed għall-użu industrijali, kaxxi tal-plastika riġida trasparenti għal ġojjellerija u reċipjenti għal *storage* ta' ġojjellerija jew kosmetiċi	30c kull kg
3923.21.00 3923.29.00 3924.90.00	Boroż għall-*laundry* u għal skart u *carrier bags* tal-plastika, **minbarra** *freezer/cooler bags, carrier bags fully moulded* u *carrier bags*/basktijiet għax-xiri ta' użu pubbliċitarju	30c kull kg
3924.10.00 3924.90.00	Tazzi tal-plastika	60c kull kg
3924.10.00 3924.90.00	Pużati tal-mejda, bramel tal-plastika, **minbarra** bramel *fully moulded* biż-żennuna u bramel bl-għatu għall-prodotti agrikoli u pużati tal-mejda, twal 11 cm jew anqas	30c kull kg
3924.90.00 3925.90.00 3926.90.00	Oġġetti pnewmatiċi, *ventilator covers,* kaxxi għall-ġojjellerija, qsari għall-fjuri u platti għalihom, **minbarra** qsari għall-fjuri ta' dijametru ta' aktar minn 17.78 cm (7") u platti għalihom ta' dijametru ta' aktar minn 19.05 cm (7.5"), tal-plastika u *beach boats,* u *rigid pools* u *animal riders* pnewmatiċi tal-plastika, u reċipjenti għal *storage* ta' ġojjellerija, *pigeon loft louvres,* u *flower boxes* u platti għalihom	30c kull kg
3925.20.00	Bibien, twieqi u l-gwarniċi għalihom, u għatbiet għal bibien	30c kull kg

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
3926.10.00	*Folders* tal-plastika	3c il-wieħed
3926.10.00 3926.40.00 3926.90.00	*Clipfiles,* kopertini għall-kotba, *menus* u *ventilator covers, cardfolders,* u *folders* għall-konferenzi, *pads* għal fuq l-iskrivaniji, trofej u *shields, files* u folji għalihom, tal-plastika	30c kull kg
3926.20.00	Vavalori, ċinturini u ingwanti tal-plastika **minbarra** vavalori u ingwanti għall-użu mediku, ingwanti tal-*vinyl* għall-użu tal-laboratorju u ingwanti industrijali tal-plastika	15c il-wieħed/ par
3926.90.00	*Expanded polystyrene,* f'forma mhux rettangolari **minbarra** mudelli għall-ippakkjar u reċipjenti oħra ta' l-*expanded polystyrene* għall-ikel u għas-silġ ...	110c kull kg
3926.90.00	Mudelli tal-*foam* riġidu tal-*polyurethane* **minbarra** forom għall-ippakkjar	130c kull kg
4015.90.00	Ilbiesi għall-għaddasa ta' lastiku vulkanizzat mhux imwebbes	2500c il-waħda
4202.11.00	Boroż u *cases* tal-ġilda għall-kosmetiċi	500c il-waħda
4202.11.00	Bagolli u valiġġi tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda	1000c il-waħda
4202.11.00 4202.91.00	Oġġetti oħra tal-vjaġġi tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda	500c il-waħda
4202.12.10	Boroż u *cases* tal-plastika għall-kosmetiċi	50c il-waħda
4202.12.10	Bagolli u valiġġi ta' folji tal-plastika artifiċjali	400c il-waħda
4202.12.10 4202.92.00	Oġġetti oħra tal-vjaġġi ta' folji tal-plastika **minbarra** *freezer/cooler bags* u *Twin/Single pack* għall-ħrieqi u għall-fliexken	200c il-waħda
4202.12.10 4202.92.00	*Conference cases* u folders ta' folji tal-plastika	5c il-waħda
4202.12.30	Boroż u *cases* għall-kosmetiċi, tad-drapp	75c il-waħda
4202.12.30	Bagolli u valiġġi tad-drapp	500c il-waħda
4202.12.30	*Shoulder bags,* tad-drapp **minbarra** *holdalls* għal *cameras* tar-ritratti u *videos* u aċċessorji	200c il-waħda
4202.12.30 4202.92.00	*Conference cases* tad-drapp	10c il-waħda

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
4202.19.20	Boroż u *cases* għall-kosmetiċi, tal-*paperboard*	50c il-waħda
4202.19.20	Bagolli u valiġġi tal-*paperboard*	400c il-waħda
4202.19.20 4202.99.10	Oġġetti oħra tal-vjaġġi tal-*paperboard*	200c il-waħda
4202.19.20 4202.99.10	*Conference cases* tal-*paperboard*	10c il-waħda
4202.21.00	*Handbags* ta' kompożizzjoni tal-ġilda	700c il-waħda
4202.91.00	Basktijiet għax-xiri, tal-ġilda	200c per unit
4202.22.00	*Handbags* ta' folji tal-plastika artifiċjali	200c il-waħda
4202.92.00	Basktijiet ta' folji tal-plastika għax-xiri **minbarra** baskitjiet għax-xiri ta' folji tal-plastika għall-użu pubbliċitarju	75c il-waħda
4202.31.00	Portmonijiet u portafolji tal-ġilda jew ta' kompożizzjonijiet tal-ġilda	100c il-waħda
4202.32.00	Portafolji u portmonijiet ta' folji tal-plastika	5c il-waħda
4202.92.00	Oġġetti oħra tal-vjaġġi, tad-drapp **minbarra** *rucksacks*, iffrejmjati minn ġewwa jew minn barra	300c il-waħda
4421.90.90	*Ironing boards* ta' l-injam	200c il-waħda
4802.51.00 4802.52.00 4802.53.00 4802.60.00	Karta għall-*computers, fan-fold*	25c kull kg
4802.51.00 4802.52.00 4802.53.00 4802.60.00	Karta għat-*telex* f'romblu	35c kull kg
4808.10.00	Karta u *paperboard* immewġa f'għamla ta' folji ...	30c kull kg
4817.10.00	Invilopsijiet, **minbarra** invilopsijiet *window* jew *self adhesive* jew *security* jew *padded*	35c kull kg
4818.10.00	*Toilet paper*	50c kull kg

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
4818.20.00	*Boutique tissues* tal-karta	25c kull 100
4818.20.00	Imkatar u *tissues* tal-karta	3c kull 10
4818.20.00	Rombli tal-karta għall-kċina	10c per roll
4818.30.00	Srievet tal-karta	10c kull 100
4818.40.00	*Liners* tal-karta għall-ħrieqi	40c kull 100
4818.40.00	*Sanitary pads* tal-karta, **minbarra** *paper panty shields,* u *sanitary pads* tal-karta ippakkjati individwalment, *night pads, pads* tal-maternità u għall-inkontinenza, *mini towels* u *looped towels* sanitari	15c kull 10
4819.10.00 4819.20.00 4819.50.00	Kaxxi, *boxes* u *cases* tal-karta jew tal-*paperboard,* **minbarra** kaxxi *B-Flute conductive coating corrugated, blanks, outers* u *fiberites* bi stampar *gravure, blanks* tajbin għall-mili b'likwidi asettiċi u kaxxi tal-*paperboard, silver-foiled*	18c kull kg
4819.30.90 4819.40.90	Boroż tal-karta **minbarra** boroż tal-karta tat-tip *block bottom* u *lined* jew *waxed sickness bags* u *vacuum cleaner filter bags*	35c kull kg
4819.60.00	*Box files*	35c per kg
4820.10.00	Libretti tal-karti ta' l-ittri, kwinterni, *scrap books,* kotba għall-analisi u ittraċjar tal-mapep, kotba għat-tpinġija, djarji (**minbarra** dawk li huma reklami speċjalizzati), reġistri u kotba tar-riċevuti	35c kull kg
4820.10.00 4820.90.00	*Pads* u blokki tal-karta għad-*drafting*	10c kull kg
4820.20.00	Pitazzi	35c kull kg
4820.30.00	*File covers* u *folders,* **minbarra** *data binders* tal-kartun għal kompjuter	35c kull kg
4820.40.00 4820.90.00	Karta għall-kompjuter komposta minn żewġ folji jew aktar, bil-*carbon paper* bejniethom	25c kull kg
4820.50.00	*Albums* tar-ritratti għall-but, **minbarra** *albums* tar-ritratti illegati bi *spiral-spring*	35c kull kg

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
4821.10.00 4821.90.00	Tikketti tal-karta, **minbarra** *machine dispenser tags* u *labels, computer labels, tags* għall-identifikazzjoni tal-bagalji għall-użu tal-kumpanija ta' l-ajru, *tags* għall-ġojjellerija u *labels/stickers double jacketed* u stampati għall-użu pubbliċitarju u *paper film checks,* li jiflaħ għal kimika u sħana	100c kull 1,000
4823.11.10 4823.11.90	Karta b'adesiv, fi strixxi jew rombli ta' wisa' ta' anqas minn 10 cm, **minbarra** *tape* tal-karta adesiv f'rombli għall-użu industrijali lokali u *masking tape*	2c kull metru
4823.19.10 4823.19.90	Karta gommata fi strixxi jew rombli ta' wisa' ta' anqas minn 10 cm	3c kull metru
4823.51.90 4823.59.00	*File refills,* folji ta' l-analisi, *foolscaps,* skedi għall-indiċi, karta għall-*adding machines* f'rombli u karta għall-*calculators* f'rombli	35c kull kg
4823.60.00	Platti tal-karta	50c kull 100
4823.90.90	*Pastry Cups*	10c kull 100
4823.90.90	*Place mats* tal-karta, **minbarra** *tissue coasters* tal-karta bix-xema' wara	500c kull 1,000
4823.90.90	*Drinking straws* tal-karta	25c kull 500
4911.91.90 4911.99.90	*Stickers,* **minbarra** *stickers double jacketed* u stampati għal użu pubbliċitarju u *stickers fancy* għat-tfal u *teenagers* u *stickers on reels* għal użu industrijali	23% ad valorem iżda mhux aktar minn 1c kull *sticker*
4911.99.90	Biljetti, **minbarra** biljetti ta' l-ajru, *tickets/stickers* bl-istampi għal skop ta' kollezzjoni u karta stampata miż-żewġ naħat, f'rombli għall-użu bħala biljetti tal-Lotterija tal-Gvern	2c kull 100
5601.10.00	*Sanitary towels* u *pads* u ħrieqi *(diapers) disposable* tal-*wadding* mhux ippakkjat individwalment, **minbarra** *elasticated disposable diapers* u night pads	15c kull 10
6105.10.00 6105.20.00 6105.90.00	Qomos maħdumin bil-malja, għall-irġiel	200c il-waħda

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
6105.10.00 6105.20.00 6105.90.00	Qomos maħdumin bil-malja, għas-subien	150c il-waħda
6105.10.00 6105.20.00 6105.90.00	Qomos, parzjalment miftuħa, bi kmiem qosra	35c il-waħda
6107.11.00 6107.12.00 6107.19.00 6108.21.00 6108.22.00 6108.29.00	Qliezet ta' taħt, u *briefs*, maħdumin bil-malja, mhux għat-trabi, **minbarra** qliezet ta' taħt u *briefs* maħdumin bil-malja ta' 100% *nylon* u qliezet ta' taħt tax-xibka, elastiċi biex iżommu f'posthom il-*pads*	25c il-wieħed
6109.10.10 6109.10.90 6109.90.10 6109.90.90 6110.10.00 6110.20.00 6110.30.00 6110.90.00	*T-shirts* u *sweat shirts* inklużi dawk b'but wieħed jew aktar, dekorazzjonijiet jew skrizzjonijiet	35c il-wieħed
6109.10.90 6109.90.90	Flokkijiet ta' taħt, bil-kmiem twal	50c il-wieħed
6109.10.90 6109.90.90	Flokkijiet ta' taħt bil-kmiem qosra	40c il-wieħed
6109.10.90 6109.90.90	Flokkijiet ta' taħt, bla kmiem	30c il-wieħed
6115.11.10 6115.11.90 6115.12.10 6115.12.90 6115.19.10 6115.19.90	*Tights*, **minbarra** *tights* għall-*ballet* u *tights* għall-użu *aerobic* u *tights* għall-vini varikużi	30c kull par
6115.20.10 6115.20.20 6115.20.90 6115.92.00 6115.93.00 6115.99.90	Kalzetti, għan-nisa, mhux elastiċi u lanqas gommati, minbarra kalzetti għal *ballet* u kalzetti għall-vini varikużi	30c kull par
6115.91.00 6115.92.00	Peduni u kalzetti, għall-irġiel u għat-tfal, tas-suf jew tat-tajjar, mhux elastiċi jew gommati, minbarra peduni u kalzetti għal *ballet* u peduni u kalzetti għall-vini varikużi	30c kull par

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
6115.93.00	Peduni u kalzetti, għall-irġiel u għat-tfal, ta' fibra manifatturata, mhux elastiċi u lanqas gommati, **minbarra** peduni u kalzetti għal *ballet* u peduni u kalzetti għall-vini varikużi	10c kull par
6205.10.90 6205.20.90 6205.30.90 6205.90.90	Qomos bil-għonq imwaħħal, għall-irġiel	200c il-waħda
6205.10.10 6205.20.10 6205.30.10 6205.90.10	Qomos bil-għonq mhux imwaħħal, għall-irġiel	200c il-waħda
6205.10.20 6205.20.20 6205.30.20 6205.90.20	Qomos għas-subien	150c il-waħda
6207.11.00 6207.19.00	Qliezet ta' taħt, tad-drapp minsuġ, għall-irġiel	30c il-wieħed
6208.91.10 6208.92.10	Flokkijiet ta' taħt, qliezet ta' taħt, u *briefs*, ta' drapp minsuġ għan-nisa u għall-bniet	30c il-wieħed
6215.10.10 6215.20.10 6215.90.10	Ingravati tad-drapp minsuġ	150c il-waħda
6306.21.00 6306.22.00 6306.29.00	Tined	2,000c il-waħda
6307.10.10 6307.10.20 6307.10.90	Biċċiet tal-ħasil ta' l-art	75c kull kg
6402.19.00 6403.19.00 6404.11.00	Xedd tar-riġel għall-isport ta' aktar minn 24 cm tul ta' valur C & F ta' Lm12 jew anqas, **minbarra** *windsurfing shoes*	200c kull par
6402.91.00 6402.99.00 6403.51.00 6403.59.00 6403.91.00 6403.99.00 6404.19.00 6404.20.00 6405.10.00 6405.20.00 6405.90.00	Papoċċi ta' tul ta' aktar minn 24 cm għad-dar jew għas-sodda	75c kull par

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
6402.91.00 6402.99.00	Xedd tar-riġel, tal-plastika, mhux *fully moulded,* ta' tul ta' aktar minn 24 cm għall-irġiel u għan-nisa, **minbarra** *boots fully moulded* tal-plastika bi tromba ta' drapp	200c kull par
6402.99.00 6403.59.00 6403.99.00 6405.10.00 6405.90.00	Xedd tar-riġel b'wara miftuħ għan-nisa u għall-irġiel ta' tul ta' aktar minn 24 cm, **minbarra,** xedd tar-riġel b'wara miftuħ u b'uċuħ tal-plastika jew gomma, u pett tal-plastika jew gomma	100c kull par
6403.20.00 6403.51.00 6403.59.00 6403.91.00 6403.99.00 6405.10.00	Xedd tar-riġel, bil-wiċċ tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda, u l-pett ta' barra ta' kwalunkwe materjal ta' tul ta' aktar minn 24 cm għan-nisa, **minbarra** *industrial* u *safety boots* u *shoes u ballet* u *dance footwear*	250c kull par
6403.20.00 6403.51.00 6403.59.00 6403.91.00 6403.99.00 6405.10.00	Xedd tar-riġel, bil-wiċċ tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda, u l-pett ta' barra ta' kwalunkwe materjal ta' tul ta' aktar minn 24 cm għall-irġiel **minbarra** *industrial* u *safety boots* u *shoes, u ballet* u *dance footwear*	400c kull par
6404.19.00 6404.20.00 6405.20.00	Xedd tar-riġel bil-wiċċ tad-drapp ta' tul ta' aktar minn 24 cm, **minbarra** *slip-on espadrilles* bil-pett tal-ħabel, gomma jew plastika, xedd tar-riġel b'wara miftuħ u b'wiċċ tad-drapp u bil-pett tal-gomma jew plastika	75c kull par
6406.10.10	Uċuħ tal-ġilda għax-xedd tar-riġel ta' aktar minn 24 cm tul	300c kull par
6406.10.90	Uċuħ ta' materjal ieħor, **minbarra** metall jew *asbestos* għax-xedd tar-riġel ta' aktar minn 24 cm tul	150c kull par
6601.10.00	Umbrelel għax-xtut	300c il-waħda
6802.21.00	Irħam, maħdum	1,750c il-m² ta' wiċċ maħdum u ċatt
6810.19.90 6810.99.90	Irħam, *agglomerated* fi pjastri, folji u oġġetti bħalhom	200c il-m² ta' wiċċ maħdum u ċatt
6810.20.00	Katusi tal-konkos	150c il-*tonne*

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
6810.99.00	Arbli tal-konkos	175c il-*tonne*
6913.90.00	*Cache pots* taċ-ċeramika	10% ad valorem
6914.90.00	Qsari u plattini għalihom (ta' diametru ta' bejn il-15 cm u t-23 cm) tal-fuħħar	15c il-waħda
7009.91.00	Mirja tal-ħġieġ, mhux gwarniċjat f'għamla ta' folji jew plakki	100c il-m^2
7009.91.00 7009.92.00	Mirja tal-ħġieġ bid-dahar jew gwarniċjat bi kwalunkwe materjal li ma jinkorporax metall prezzjuż, **minbarra** mirja bid-dahar jew gwarniċjat għal vetturi, mirja għal reċipjenti tal-kosmetiċi jew *handbags* u mirja tal-ħġieġ gwarniċjat li għandhom area ta' mhux aktar minn 0.03 m^2	300c il-m^2
7013.21.00 7013.31.00 7013.91.00 7013.99.10 7013.99.90	Oġġetti tal-*cut-glass* u oġġetti ta' ħġieġ dekorattiv, **minbarra** minjaturi artistiċi tal-ħġieġ fil-fliexken u oġġetti tal-ħġieġ *uncut lead crystal* u *terrarium* tal-ħġieġ	10% ad valorem
7113.11.90	Ġojjellerija tal-fidda, **minbarra** filugranu	10% ad valorem
7113.19.00	Ġojjellerija tad-deheb, **minbarra** filugranu	10% ad valorem
7213.10.00 7213.20.00 7213.31.00 7213.39.00 7213.41.00 7213.49.00 7213.50.00 7214.10.00 7214.20.00 7214.30.00 7214.40.00 7214.50.00 7214.60.00 7215.10.00 7215.20.00 7215.30.00 7215.40.00 7215.90.00	Vireg ta' l-azzar għall-konkos ta' ħxuna ta' bejn l-10 u s-27 millimetru, **minbarra** vireg ta' l-azzar *plain* jew li jkun fihom intakkaturi, f'rombli ta' minn 500 kg 'il fuq	7,000c il-*tonne*
7308.30.00 7308.90.90	Bibien u twieqi u t-tilari tagħhom u għetiebi ta' bibien u rixtelli *collapsible*, tal-ħadid jew ta' l-azzar **minbarra** twieqi *(louvres)* ta' l-azzar	25% ad valorem

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
7313.00.00	*Barbed wire* galvanizzat	25% ad valorem
7314.19.10 7314.20.10	Xbieki ta' l-azzar *(wire mesh)* għar-rinfurzar ta' konkrit	25% ad valorem
7323.93.00 7323.99.00	*Ironing boards*	500c il-waħda
7326.90.90	*Covers* għall-ventilaturi	5c il-waħda
7325.10.00 7325.99.00 7326.90.90	Tappieri, u *frames* għalihom	10c kull kg
7326.90.10	Arbli tad-dawl, ornamentali	25c kull kg
7616.90.10	*Venetian blinds* ta' l-aluminju	300c il-m^2
7616.90.90	Slielem ta' l-aluminju, mhux *expandable*	800c il-wieħed
8306.29.00	Tazzi u trofej għall-isport u kanuni u delfini ornamentali, tar-ramm jew bronż	23% ad valorem
8309.10.10 8309.10.90	*Crown corks*	50c il-grossa
8464.10.00 8464.90.00	Makni li jaqtgħu l-ġebel tal-franka	50,000c il-waħda
8464.10.00 8464.90.00	Makni li joħorġu l-wiċċ fuq tliet naħiet tal-ġebla tal-franka	100,000c il-waħda
8464.10.00 8464.90.00	Makni li jaħdmu l-ġebel tal-franka fi profili	70,000c il-waħda
8529.10.10	*Aerials* tat-*television*, (**minbarra** *antennas* li jirċievu trasmissjonijiet mis-satelliti)	300c il-wieħed
8543.80.00	*Boosters* għat-*television*	1,000c il-wieħed
8544.11.00 8544.49.00 8544.59.00 8544.60.00	*Cords, wires* u strixxi ta' l-elettriku tal-*copper; cable* ta' l-elettriku li għandu *copper* bl-*area* li tvarja bejn 0.5 mm u 50 mm kwadrat, **minbarra** *cable* tat-*telephone; cable* għal *welding, cable fire-proof; T.V. coaxial cable, automotive cable, cable heatproof, computer cable, cable submersible, electrode cable, festoon cable, cable copper screened* u *cable armoured, cable* għal *burglary alarms, four core rubber insulated* u/jew *rubber sheated cable cable* ta' l-elettriku, u *multicore flexible, trailing control electric cable* għal-*lifts*	17% ad valorem

H.S. Code Numru	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
8708.91.00	*Radiators*	1,000c il-wieħed
8708.99.00	*Cores* tar-*radiators*	400c kull kg
9112.80.00	Kaxxi twal ta' l-injam għall-arloġġi	10,000c il-waħda
9112.80.00	Kaxxi ta' l-injam għall-arloġġi tal-ħajt	3,000c il-waħda
9401.79.90	*Step stools* tal-metall	200c il-waħda
9404.21.00 9404.29.00	Imtieraħ, **minbarra** mtieraħ ta' l-ilma u mtieraħ għall-*carriages* tat-trabi	2,000c il-wieħed
9404.90.00	*Quilts*, **minbarra** dawk magħmula minn *feather down* u *quilts* għat-trabi	500c il-waħda
9404.90.00	Imħaded u *cushions*, **minbarra** mħaded għall-*pushchairs* u mħaded *anti-suffocation* għat-trabi, imħaded *fully moulded tal-latex*, mħaded f'għamla ta' ċrieki tal-kirurgi u *cushions* tal-*foam* magħmul minn *low density polyethylene (L.D.P.E.)*, (mhux mgħottija u lanqas għat-tiżjin)	200c il-waħda
9405.10.90 9405.40.90	*Fittings* tad-dawl għat-tubi *fluorescent*, **minbarra** *fluorescent fittings* ta' 8W u 13W, u *fluorescent circular light fittings*	50c il-waħda

IT-TIENI PARTI

1. Kull tip ta' prodott għad-diabetiċi, bħal *jellies*, *wafers*, gallettini, ċikkulata, għaġin u prodotti oħra bħal dawn.

2. Prodotti għat-trabi bħal ikel, ilbies u xedd ir-riġel.

3. Prodotti li jkunu *gluten-free*, *gluten enriched*, jew bi protejina baxxa.

4. Żraben u *boots* speċjali għall-użu minn persuni li jbatu minn xi *malfunctions* muskolari jew ortopediku.

5. Oġġetti mportati minn:—

(i) Bank Ċentrali ta' Malta;

(ii) Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta;

(iii) Korporazzjoni Enemalta;

(iv) Korporazzjoni Telemalta;

(v) Kumpanija Deutche Welle, għall-użu esklussiv ta' tħaddim u manutenzjoni tar-*Relay Station* f'Malta;

(vi) Industriji (minbarra lukandi) li huma eżenti mill-ħlas tad-dazju kollu jew parti minnu skond id-dispożizzjoni ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Iżvilupp Industrijali, inkluż ċertu materjal, partijiet u aċċessorji għall-re-esportazzjoni li ma jkunux soġġetti għall-ħlas ta' dazju u ma jkunux inklużi fl-*Exemption Order;*

(vii) Oġġetti mportati li jaqgħu taħt l-Artikolu 11, ta' l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatici. Kap. 191.

6. Oġġetti eżenti mill-ħlas ta' dazju skond id-dispożizzjoni tat-Tieni Skeda (it-Tieni Parti) ta' l-Att ta' l-1989 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, kif speċifikat hawn taħt:— Att XXXV ta' l-1989.

(i) Kull oġġett dazjabli importat mill-Gvern għas-Servizz Pubbliku;

(ii) Oġġetti li huma murija għas-sodisfazzjoni tal-Kontrullur tad-Dwana li jkunu ġew mogħtija barra minn Malta lil xi persuna għal distinzjoni fl-arti, letteratura, xjenza jew sport, jew għal servizz pubbliku, jew xort'oħra bħala xiehda ta' għemil jew kondotta meritevoli, u mportati minn jew f'isem dik il-persuna;

(iii) Oġġetti mportati mill-Università ta' Malta għat-tagħmir u manutenzjoni ta' l-Università;

(iv) Oġġetti u materjal importati mit-Tarzna ta' Malta għat-tagħmir u għall-manutenzjoni tat-Tarzna, jew li huma meħtieġa in konnessjoni mas-servizzi mogħtija minn dik il-korporazzjoni, barra minn oġġetti u materjal użati:—

(i) f'oġġetti prodotti minn dik il-korporazzjoni u maħsuba biex jintużaw f'Malta jew;

(ii) f'bastimenti reġistrati lokalment li huma stess suġġetti għad-dazju taħt it-Tariffa tad-Dwana;

(v) Rigali 'bona fide' ta' xorta mhux kummerċjali li kull tant jiġu riċevuti minn persuna minghand oħra li tirrisjedi barra minn Malta u li jkunu maħsuba għall-użu personali ta' min jirċevihom jew għall-familja tiegħu, kemm-il darba r-rigal la jkun alkohol jew xorb alkoholiku u lanqas tabakk jew prodotti tat-tabakk u l-valur totali CIF tar-rigali kull darba ma jkunx iżjed minn ħamsa u għoxrin lira Maltija;

(vi) Oġġetti tad-dar u oġġetti personali, għamara u oġġetti domestiċi oħra (minbarra armi tan-nar u armi ta' kull xorta), li fl-opinjoni tal-Kontrollur tad-Dwana jkunu ġew użati fid-dar tagħha minn pajjiż ieħor għal Malta, iżda daw l-oġġetti għandhom jiġu mportati fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla f'Malta, tal-persuna l qed timportahom biex tiġi tirrisjedi f'Malta jew f'dak iż-żmien ieħor li l-Kontrullur tad-Dwana jista jippermetti;

(vii) Bagalji tal-passiġġieri, magħduda lbies u ħwejjeġ personali wżati, li l-Kontrullur tad-Dwana jkun sodisfatt li jkunu maħsuba għall-użu personali tal-passiġġieri, iżda eskluži armi tan-nar u armi ta' kull xorta.

Att XXXIV ta' l-1988.

7. Għamara, tgħamir u materjal ieħor importat għall-użu minn kumpanija *offshore* u dawk l-oġġetti wżati għall-użu personali importati f'Malta minn xi uffiċjal jew impjegat tal-kumpanija, mhux residenti f'Malta, skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att ta' l-1988 dwar Attivitajiet Kummerċjali Internazzjonali ta' Malta.

Att XXXV ta' l-1989.

8. Ikel u xorb għall-użu ta' ordnijiet reliġjużi mendikanti u ta' istituti karitatevoli privati rikonoxxuti bħala hekk mill-Ministeru kif definit bl-Att ta' l-1989 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 39 tal-15 ta' Lulju, 1992.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.